# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il- Pulizija

(Spetur Charlotte Curmi)

Vs

Ramona Borg

Illum 20 ta’ Marzu 2023

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ramona Borg ID 17196M bint Lawrence u Tersa nee Grech mwieled fil-31/12/1995 u joqghod Lortes Triq it-Tnax ta’ Mejju Zebbug Malta akkuzat talli fis-17 ta’ Lulju 2021 ghall-habta ta’ 13.00hrs fi Triq il-Belt Valletta Qormi soqt vettura b’numru ta’registrazzjoni HBS267

1. U aktar talli b’nuqqas ta’ hsieb , bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkagunajt hruq,

jew ghamilt xi hsara jew hassart jew gharraqt xi haga minhabba f'hekk Victor Stafrace batgha offiza gravi fuq il- persuna , li tkun gabet il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta skond kif iccertifika Dr Daniel Desira MD mill-MDH;

2. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jjew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku hbatt ma'vettura nru ICF 165 w involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Victor Stafrace
3. U talli soqt l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;

Il-Prosekuzzjoni talbet li tigi skwalifikata mill-licenzji kollha taghha tas-sewqan.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kas ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena skond il-ligi tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-LS 65.18 Art 36B u fil- LS 65.18 Sitt Skeda.

Rat L-arikoli 328(b)(d)tal-Kap 9 , 15(1)(a)(2) tal-Kap 65, 36B u sitt skeda LS 65.18 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat x-xhieda prodotta.

Rat L-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**PS 827 Edward Grech** xehed permezz ta-Affidavit fejn xehed dwar l-investigazzjoni tieghu fuq il-kaz.

**Rosmar Mifsud** xehed hekk fl-20 ta' Lulju 2022:

Qorti: Fejn qed nitkellmu hawn? Valletta road Qormi liem hi?

Avukat: It-triq tat-Topper Autodealer.

Qorti: M' ghandix idea min hu t-Topper auto dealer. T junction qed nara hawn. Bizzejjed li nkun naf li T junction?

Avukat: Mhux ezatt T junction. Hemm main road, kwazi main road,

Qorti: Jien hawnhekk T junction ghandi fl-isketch, issa jekk hemm iktar minn hekk, jien fl-isketch T junction ghandi. Hekk hemm iktar minn T junction, igifieri min hu ghaddejj hawn ghandu d-dritta, T junction tfisser. Hemm bzonn inkun naf iktar minn hekk? Mela x' gara sinjur? tiftakar id-data u l-hin?

Xhud: Id-data, Lulju ix-xahar, issa l-hin,

Qorti: Meta kien is-sena l-ohra? Ta` qabel?

Xhud: Tas-sena l-ohra.

Qorti: Ijwa u l-post Triq Belt Valletta Hal Qormi? naqblu?

Xhud: Imma jiena kont qieghed fit-triq Almar.

Qorti: Orajt ftehmna lussu. Inti taf fejn kont, ahjar minni, ejja kompli mela.

Xhud: Dan bazikament jiena normali kont bil-van tax-xoghol ghax jien nahdem fil-construction, hemmhekk hemm stop sign bilfors kelli nieqaf fuqha igifieri, rajt dal-mutur niezel l’ isfel,

Qorti: Niezel l’ isfel fuq in-naha tieghu tat-triq ?

Xhud: Ezattament ezattament, kien fuq sajdu, emm ovvjament rajtu gej, waqaftlu, umbaghad kien hemm karozza tiela’ l-opposta tal-mutur u dahret ghal fejn kien hemm jiena wieqaf, igifieri la kien hemm sinjal ta li ha taqsam triq u xejn.

Qorti: U laqtet il-mutur?

Xhud: Ezattament.

Qorti: Issa min kien fuq il-mutur taf?

Xhud: Iva.

Qorti: Qed tarfu hawnhekk?

Xhud: Iva narfu.

Qorti: Fejn hu?

Xhud: Victor.

Qorti: Ix-xhud inti tal-imputat Victor Stafrace, min kien fil-karozza tarafha ?

Xhud: Narafha wkoll.

Qorti: Fejnha?

Xhud: Dik is-sinjura li hemm hemmhekk.

Qorti: Mela ix-xhud indika lil Ramona Borg ok? u x' gara umbaghad? X' garalu tal-mutur?

Xhud: Hi eventwalment tatu daqqa, dahlet go fih igifieri, kawza t' hekk ha jitlef il-kontroll ovvjament, mexa qisu minn hawn u dak l-armarju hemm.

Qorti: Igifieri tul ta' giex karozzi?

Xhud: Tul ta' karozza, karozza u nofs qisu. Jipprovva miskin ma jaqax imma fl-ahhar mill-ahhar waqa' u. Issa jien hadt ritratt biex inkun qed nghidlek sewwa il-ghaliex jiena l-imghallem il-hin kollu jcempilli x' baqalek u fejn qieghed.

Qorti: Ir-ritratt qieghed hawn?

Xhud: Ir-ritratt qieghed hawn.

Qorti: Ritratt Dok RM.

Xhud: Ghax peressli l-imghallem hin kollu jcempilli fejn qieghed, x' baqalek u affarijiet minn dawn, biex ikolli evidenza li,

Qorti: Ghalhekk waqaft. Mela ha nara hux qed nifhem. Din qed turini l-karozza int hux hekk? Din hawnhekk il-karozza li qed tghid li laqtghet …?

Xhud: Ezattament, jien hawnhekk kont qieghed fil-kantuniera hemmhekk, fejn hemm dak il-bieb.

Qorti: Igifieri dal-bieb tal-garaxx qed tghidli?

Xhud: Ezattament.

Qorti: Igifieri inti hrigt biex tiehdu r-….?

Xhud: Eq mela imma m' ghamiltx,

Qorti: U l-mutur qieghed hawn wara l-karozza l-blue?

Xhud: Ezatt.

Qorti: Mela ha nghidlek x' taghmel, ghamel l-ittra A fuq il-karozza u l-ittra B fuq il-mutur.

Xhud: Orajt. B fuq il-mutur u?

Qorti: Mela l-A fuq il-karozza u B fuq il-mutur, jekk mhux fuqu hdejha. Ghadek kif xehedt fuqhom.

Xhud: Ezattament.

Qorti: Mela oruh ir-ritratt lil Avukati u lill-prosekuzzjoni.

Avukat: X’ hin kont wieqaf inti, fuq l-istop sign triq,

Xhud: Triq Armal.

Avukat: Triq Armal, l-incident rajtu ezatt quddiemek?

Xhud: Ezattament.

Avukat: Tal-vettura, forsi trid izzid xi haga ohra inti ma’ dak li xehedt?

Xhud: Imma nzied xi haga ohra f’ liema sens?

Avukat: Ma nafx inti kont hemmhekk fuq il-post, rajt xi haga ohra fl-incident? innutajt xi haga?

Qorti: Qalilna li din marret biex taqsam minghajr m’ ghamlet indikazzjoni u laqtet il-mutur mhux hekk ghidtli sinjur?

Xhud: Ezattament.

Qorti: Inti ghandek xi domandi ohrajn spettur? Kontro-ezami.

Avukat2: Ritratti ohrajn ghandek?

Xhud: Le jiena dak biss habba l-imghallem biex ikolli x’ nuri u qed tifimni?

Avukat2: Imma biex ikollok x’ turi, forsi ma hadtx xi ritratt bit-trakk tieghek jider?

Xhud: Le ghalfej? Ma kelliex x’ nambi it-trakk tieghi jider, x’ nambih dak bhal speci fimt?

Avukat2: Le le biex turi li kont qieghed hemmhekk inti fl-accident.

Xhud: Jien kull m’ ghamilt kemm hrigt barra mill-van bil-wieqfa kemm ghamilt wahda hekk u daqshekk tlaqt l'hemm.

Avukat2: X’ridtu imma r-ritratt, erggha ghidli ?

Xhud: Biex ikolli evidenza habba l-imghallem ghal liema raguni jiena domt biex wasalt minn post ghal iehor.

Avukat2: Imma naqblu li din mhix evidenza tajba ghax it-trakk tieghek ma jidirx fir-ritratt?

Xhud: Iva imma jien it-trakk tieghi x'tambih fir-ritratt sorry ta?

Avukat2: L-evidenza ghalxiex ridtha inti? ha jerggha jghidli. Ghaliex ridtha l-evidenza?

Xhud: Mela waqaft fuq l-istop sign, gara l-accident, inzilt mit-trakk tieghi, hadt ritratt biex kif icempilli l-imhghallem, isma inti ghalxiex domt? nghidlu ghax hawnhekk hawn accident fimt? dak hu l-punt imma ma kelliex bzonn li niehu isma jien ir-ritratt tal-van vera li qieghed hemmhekk taf kif?

Avukat2: U baghttulu l-imghallem ir-ritratt?

Xhud: Kif? le ma baghtulux, jiena zammejtu fil-mowbajl u hekk kif icempilli ghal mod tal-kelma jghidli x' gara u ma garax kelli nibaghtulu imma dikinhar hasel ma qalli xejn.

Avukat2: Nistgha nitolbu s-sinjur jorijulna fil-mowbajl?

Xhud: Mhux fil-mowbajl ghax il-mowbajl inkisser li kelli fuqu.

Avukat2: Wara l-incident inti, inzilt hadt ir-ritratt orajt, umbaghad x' ghamilt? bqajt hemm inti?

Xhud: Cempilt l-ghajnuna, il-112 aw, ghidtilhom gara accident fit-talli triq, ghidtilhom skuzani hafna ma nistghax nibqa' hawnhekk, ghidtilhom ghax jiena qieghed fuq xoghol. Qalli thank you talli avzajtna bl-accident u tlaqt u, umbaghad flokk inzilt l-isfel habba li kien hemm l-accident, kelli immur indur dawra,

Avukat2: Mal-pulizija illi gew ghall-incident,

Xhud: Le jien ma kienx hemm pulizija, jiena ma stajtx noqghod hemm, jiena mhux kompitu tieghi li noqghod hemm, filfatti iskoprejt li kien dan ir-ragel igifieri ghax ahna noqghodu triq il-boghod minn xulxin, kont ha mur nixtri fejn il-grocer ghax fejnhu hemm grocer u rajtu bil-wheelchair, ghidtlu inti weggajt? qalli iva ghax tajjruni bil-mutur, tani insomma l-gurnata u l-affarijiet, ghidtlu hemmhekk kont jien u r-ritratt ghaddejtu lilu biex bhal speci jkollu evidenza minn-naha tieghi ukoll.

Avukat2: U dak il-hin ma rajtux inti?

Xhud: Le jiena ma nafux b'dan il-mutur tal-accident, jien nafu bil-mutur ta' qablu.

Qorti: Igifieri meta inti ghidtli li gharaftu, ghax kellimtu wara?

Xhud: Mhux hekk ghax umbaghad skoprejt li kien huwa taf kif?

Qorti: Orajt.

Avukat2: Mela meta tlaqt inti fejn kont sejjer direzzjoni ?

Xhud: Ghal Hal Qormi ghax umbaghad ridt ninzel ghal-Imqabba, ahna ghandna bicca l-Imqabba, qeghdin nibnuwa.

Avukat2: Xejn iktar.

**Carmel Sciberras** xehed hekk fil- 15 ta' Dicembru 2022:

Qorti: Mela ghidli naqra Mr. Sciberras nahseb accedejt fuqu ezaminajt il-Victor Stafrace hux hekk?

Xhud: Iva ghandi r-rapport.

Qorti: Ha jigi ezebit DOK VS ghandek kopja ghal-partijiet?

Xhud: Fuqi m`ghandix pero nista nibghathom b`email? Jew nibghatielhom bil-posta ghandi kopji igifieri imma iridu fejn nibghatielhom,

Qorti: JHa taghmlilkom kopja issa il-messagiera tieghi.

Xhud: Sinjura Magistrat ir-rapport ghamiltu pero il-pazjent ghadu mhux lest it-treatment ghamilt nota zghira fl-ahhar jista jkun hemm xi tibdil.

Qorti: Gejt ghad-domandi li kont ha naghmillek jiena tini minuta please, mela ezebixxa DOK CS mela essenzjalment il-prosekuzzjoni u d-difiza ghandhom domandi ohrajn inti qed tghidli dizabbilta ta` 25 fil-mija dan ifisser li ghandu dizabbilita permanenti?

Xhud: Ha jkollu dizabbilita permanenti zgur pero kif qed nghidlek ittreatment tieghu ghadu mhux lest allura ma nistax naghti final.

Qorti: Le le hu pacenzja gahx hawn fil-kriminal differenti milli fic-civil fil-kriminal the parametres are relatively simple it is either a permanent disability or else it is a grievous disability which by time will heal so is it dizabilita permanenti?

Xhud: Permanenti iva.

Qorti: Xi domandi ohra Spettur?

Xhud: M`ghandix domandi.

Qorti: Intom?

Avu: Jiena ha nirriserva.

**Emanuel Mifsud** xehed hekk fl- 20 ta’ Marzu 2023 :

Pros: Sinjur inti kont prezenti ghall x incident?

Xhud: Iva.

Pros: Spjegalna wahda x`rajt?

Xhud: Kien fis-17 ta` Lulju 2021, kont niezel minn triq Almar Hal-Qormi u sibt karozza quddiemi sibt li gejja fit-triq tieghi stess,

Pros: Inti id-direzzjoni fejn kont sejjer?

Xhud: Niezel minn triq Almar.

Qorti: Minn fejn ghall-fejn sinjur two way dik one way x`inhi?

Xhud: Two way dik iva jien kont niezel it-triq ta` Valletta road, u kif gejt fuq l-Stop sibt karozza wieqfa qed tistennieni biex tidhol fit-triq tieghi minn fejn kont niezel f`daqqa u l-hin gie mutur minn naha tar-right u baqa` diehel fil-karozza li kienet diehla quddiemna.

Qorti: Int kont wieqaf wara xi haddiehor fuq Stop Sign?

Xhud: Le kont jien kont niezel minn triq Almar ghall go triq Valletta road.

Qorti: Mela inti kont niezel minn Triq Almar hux hekk u kont sejjer ghall Triq Valletta min ghandu l-Stop Sign jew hadd m`ghandu?

Xhud: Jiena.

Qorti: Go triq Almar?

Xhud: Ijja.

Qorti: Mela inti x`ghamilt?

Xhud: Jien kont niezel biex naqbad it-Triq ta` Valletta road.

Qorti: X`numru ta karozza kellek inti?

Xhud: AAF 292.

Qorti: U x`gara?

Xhud: Waqaft niezel moghbbi bilmod u sibt faccata tieghi sibt karozza qed iccedili biex nohrog jien u tidhol hi minn go dit-triq.

Qorti: Mela ha nara hux qed nifhmek sew int fejn kont minn fejnn kont hiereg int kien hemm Stop Sign?

Xhud: Iva.

Qorti: Int attwalment hrigt jew le?

Xhud: Le.

Qorti: Kont involut f`dan l-incident int jew le?

Xhud: Le.

Qorti: Sempliciment rajtu quddiemek?

Xhud: Jiena kont niezel minn dik it-triq sewwa u ha naqbad it-triq ta` Valletta road saddattant kien hemm karozza faccata tieghi kienet qeghda biex nohrog jien u tidhol hi fl-istess triq.

Qorti: U waqfet quddiemek?

Xhud: Mhux waqfet quddiemi waqfet faccata.

Qorti: Ehe f`dak is-sens, umbaghad x`gara?

Xhud: Umbaghad kif ha naqbad l-Istop inqalgha mutur.

Qorti: Int kont miexi igifieri meta gara l-incident jew le?

Xhud: Kont wieqaf fuq Stop jiena,

Qorti: Wieqaf zopptu?

Xhud: Wieqaf wieqaf.

Qorti: Ok u x`gara?

Xhud: Inqala mutur in-naha tar-right ghax ahna konnha nezlin hekk faccata tal-karozza,

Qorti: Ir-right fejn? Gejja minn naha l-opposta?

Xhud: Iva, u kif dar ezatt minn wara l-vann sab il-karozza wieqfa fin-nofs.

Qorti: X`vann hu?

Xhud: Kien hemm vann fil-kantuniera it-triq mhux dritta hemmekk.

Qorti: Kien wieqaf dal-vann?

Xhud: Ijja ipparkjat kien.

Avu: Tkompli tghidilna x`gara x`rajt aktar wara il-mument tal-incident tghidilna x`rajt?

Xhud: Kif jien kont niezel dik it-triq ghax kont moghbbi kont niezel bil-mod sadattant wasalt fejn l-Stop rajt il-mutur gej u baqa` diehel gol-karozza right through.

Avu: Issa meta rajt il-mutur diehel gol-karozza x`gara x`ghamilt aktar inti?

Xhud: Inzilt uu inzilt biex nara xi gralu u sibt mara qabbli taf iddewieh izjed minni jiena ma kelliex x`naqsam igifieri.

Avu: X`ghamilt umbaghad?

Xhud: Jien tlaqt.

Avu: Minn fejn dort minn fejn hrigt?

Xhud: Ksirt lejn ix-xellug u mort fejn kelli immur.

Qorti: Igifieri fil-mument tal-incident il-karozza kienet wieqfa?

Xhud: Iva faccata tieghi fuq il-lights kienet bl-indicator biex titla it-triq fejn kont jien.

Qorti: Hawn il-lights hawn ukoll?

Xhud: Aww sorry l-indicator.

Qorti: Orajt u l-iehor il-mutur kien gej in-naha on your right mil-lemin tieghek?

Xhud: Ijja ijja.

Qorti: U kien hemm karozza ipparkjata?

Xhud: Vann fil-kantuniera kif dar,

Qorti: U dar u sab lil ohra quddiemu l-ohra kienet fin-naha taghha tat-triq jew in-naha l-hazina?

Xhud: Fuq sajdha kienet ghax jien ghaddejt minn ma genbha bit-trakk.

Qorti: Ghaddejt minn ma magenbha wara l-incident qed tghidli?

Xhud: Iva.

Qorti: U ghaddejt kif suppost mhux kellek timmanuvra?

Xhud: Le le.

Avu: U l-persuna li kellu l-incident fejn kien meta inti hrigt?

Xhud: Ma l-art.

Avu: Liem parti fejn kien?

Xhud: Fuq il-mudguard tan-naha tax-xufier id-daqqa kienet.

Avu: Ijja il-persuna meta inti hrigt bit-trakk biex titla liem naha tat-triq?

Xhud: Quddiem il-karozza kienet bil-mutur b`kollox.

Avu: Dawn il-persuni li kienu involuti fl-incident taraf lil xi hadd minnhom?

Xhud: M`ghandix idea ta.

Qorti: Sakemm gew il-pulizija il-mutur ressquh?

Xhud: Ma nafx ghax jiena tlaqt.

Avu: Inti kont hemm meta gew il-pulizija?

Xhud: No no no.

Qorti: Ha noruh l-isketch.

Avu2: Ara sur Mifsud ha noruk l-isketch tal-incident?

Qorti: Inti taqbel mieghu dak l-isketch? Qed tifehm x`hemm fih?

Xhud: Iva.

Qorti: Issa minn fejn hrigt int suppost hemm Stop u m`hemmx jekk qed nara sew hux hekk?

Avu2: Ix-xhud qed jindika triq Armal, indika daqxejn immarka ftit fejn waqaft inti u liema direzzjoni inti inzilt ghamel salib filkaz, ghamel liema direzzjoni kont sejjer. Issa il-vettura liqeghda immarkata fuq l-isketch HBS 267 f`liema direzzjoni kienet gejja?

Xhud: Minn hawnekk.

Avu: Issa u f`liema posizzjoni tal-vettura kienet?

Xhud: Gejja mil-Marsa.

Avu2: Fuq liema side tal-lane kienet?

Qorti: Qallek fuq is-side taghha kien tant li meta hareg hu hu ghadda bejnha u n-naha l-ohra ghadda kif suppost ghax kien hemm bizzejjed spazju.

Avu2: U l-persuna imwegga li kien mal-art fejn kien?

Xhud: Hawnekk ghamel C.

Qorti: U minn fejn kien gej il-mutur ghamilli vlegga u D, issa il-vetturi fl-isketch tajbin qeghidn jew il-vettura u l-mutur kif kienu jew?

Avu2: Issa inti hemmekk pingejt kaxxa dik x`inhi?

Xhud: Dak il-vann li kont qed nghidlikom li kienet fil-kantuniera.

Qorti: Orajt mela vann ipparkjat ghamel E mela il-karozza u l-mutur f`dak l-isketch qeghdin kif kienu wara l-incident meta hrigt inti?

Xhud: Jiena hekk iwa kif qed narhom jiena hekk ehe.

Avu2: Issa dak il-vann li immarkajt D kien qieghed fil-lane kif kien ipparkjat?

Xhud: Le fil-kantuniera hawnekk hawn Bus Stop.

Avu: Igifieri ma kienx qed jostakola id-dritta l-isfel naqblu?

Xhud: Minn mal-mutur ma setghax jara il-karozza wieqfa.

Avu2: Imma ma kienx qed jostakola id-dritta l-isfel?

Qorti: Qed jghidlek il-vann ostakolalu l-vizzjoni issa hu bilfors kellhu johrog minn mal-vann qed tghidli inti?

Xhud: Il-mutur li kellu johrog minn wara l-vann u sab lilha wieqfa il-karozza wieqfa.

Qorti: Issa il-mutur meta hareg u sab il-karozza wieqfa mar fuq in-naha l-ohra igifieri?

Xhud: Le habat mal-mudguard ta` quddiem tal-karozza li kienet wieqfa qed iccedi lili.

Qorti: Mhux qed tifhimni il-mutur biex habat mal-karozza li habat maghha mar wrong side?

Xhud: Kwazi.

Qorti: Xi haddkien wrong side sinjur jew il-mutur jew il-karozza bilfors kienu wrong side biex habbtu? Issa jekk tghidli mintix zgur ghidili mintix zgur?

Xhud: Jiena sa fejn naf jien il-karozza qeghda iccedili lili biex naghddi,

Qorti: Halli iccedilek jiena issa it-tnejn ma setghux it-tnejn kienu f`sajdhom jew inkella qed tifhimni?

Xhud: Fhimtek il-mutur nahseb mar quddiem il-karozza mar wrong side.

Qorti: Mela mar quddiem il-karozza li kienet f`postha?

Xhud: Iva.

Avu2: Mela jekk inti tghid il-mutur l-impatt taf kif sehh inti?

Xhud: Il-mutur m`hawn habat.

Avu2: Mela m`hawn spjega?

Xhud: Mal-mudguard ta` quddiem tal-karozza fejn kien hemm l-indicator mixghul.

Avu2: Bi dritt jew mil-genb?

Xhud: Quddiem.

Avu2: Igifieri il-mutur baqa` diehel head on?

Xhud: Iva head on.

Avu2: Xejn izjed sinjura.

Avu: Il-mutur hu u jdur biex nifhmu l-speed li kien ghaddej setgha jiehu break u jieqaf jew ma kienx hemm hin?

Xhud: Ma kellux nahseb hin.

Qorti: Ghaliex ma kellux hin sinjur?

Xhud: Ghax kif dar minn wara l-vann sab il-karozza.

Qorti: Hu pacenzja inti semmejt illi it-triq mhijiex dritta ha nara hux nifhem sew igifieri jekk tal-mutur dar u sab dal-vann kellu bilfors imur naqra wrong side ghax inkella jibqa diehel fil-vann?

Xhud: Iva iva.

Avu: Daqsekk sinjura.

**Victor Stafrace** xehed hekk fl-20 ta' Marzu 2023;

Avu: Sur Stafrace inti kont involut f`incident stradali tista tghidilna daqxejn id-data?

Xhud: Iva fis-17 ta` Lulju 2021 kont ghaddej minn Valletta road Qormi direzzjoni lejn il-Bypass kont ghaddej fuq in-naha tad-direzzjoni tal-Bypass kien hemm karozza ghanla ta` Nissan March u kien hemm trakk kien hiereg minn Stop Sign it-trakk x`hin rani gej waqaf il-karozza la kellha indicators xejn qabdet x`hin kwazi wasalt ghall-Almar street il-karozza biddlet id-direzzjoni.

Avu: Meta qed tghid biddlet id-direzzjoni liema direzzjoni kienet gejja u mill-liem direzzjoni kienet se tmur?

Xhud: Jien kont sejjer direzzjoni lejn Valletta road Qormi Bypass Qormi u hi kienet gejja bil-kontra filfatt hawnekk ghandi ritratti nista nezebihom ghandi 5 ritratti VS1 sa VS5.

Avu: Issa l-impatt fejn sehh kif sehh?

Qorti: Aqqas biss wasal ghall-impatt wasal ghall-vann, x`gara u dal-vann x`ghamel?

Xhud: Ta-vann ifhimni waqaf fuq l-Stop ghax rani gej u l-karozza kienet fuq id-direzzjoni l-opposta tieghi,

Qorti: X`karozza kienet?

Xhud: Nissan March,

Qorti: Gejja mill-oppost?

Xhud: Gejja mid-direzzjoni opposta tieghi.

Qorti: U din li gejja mill-opposta x`ghamlet?

Xhud: Din ghall xi raguni qabdet u biddlet id-direzzjoni la kellha indicators xejn.

Qorrti: Biddlet id-direzzjoni x`igifieri x`ghamlet?

Xhud: Biex 99 fil-mija biex tidhol ghall-Almar street.

Qorti: Imma la kien gej mid-direzzjoni opposta tieghek x`differenza ghamlet lilek nahseb jien?

Xhud: Heq lili gahmlitli ghax … …

Qorti: Int fejn kont sejjer?

Xhud: Jien kont sejjer direzzjoni l-opposta taghha, filfatt fir-ritratti ghandek id-direzzjoni tal-mutur u kollox.

Qorti: Imma jekk int gej minn hawn inti kont ha tibqa sejjer dritt?

Xhud: Jien dritt kont ha nibqa sejjer.

Qorti: Allura hi biex tmur go triq laterali ghaliex dahlet quddiemek?

Xhud: Ghax ghar-raguni ma nafx jien la indicators xejn ma rajt mixghulin jien, jien kont sejjer dritt ghan-naha Valletta road Qormi igifieri kont sejjer dritt biex nghidlek ezatt in-naha tal-posta kont sejjer in-naha tal-posta biex nohrog minn naha tal-posta u kienet gejja mid-direzzjoni opposta tieghi ghall xi raguni la kellha indicator xejn, x`hin ezatt wasalt bejn Almar street u l-karozza, il-karozza biddlet id-direzzjoni u filfatt,

Qorti: U biddlet id-direzzjoni kif? Din il-vettura tieghek li hawn fuq ir-ritratt?

Xhud: Biex tidhol ghall-Almar street,

Qorti: Imma minuta imma bix tidhol ghall-Almar street,

Avu: Nista nimmarka fuq l-isketch sinjura?

Qorti: Din il-vettura tieghek tar-ritratt?

Xhud: Il-mutur il-vettura tieghi.

Qorti: Inti bil-mutur kont?

Xhud: Iva.

Qorti: Eeee issa fhimt, hekk iva fhimtek, issa mela il-vann gie quddiemek?

Xhud: Le ma kelliex vannijiet it-trakk hareg minn go Stop ma kienx hemm vannijiet,

Qorti: Hu pacenzja it-trakk gie minn fuq l-Stop u x`ghamel?

Xhud: Waqaf ghax kien gej u l-karozza la kellha indicator xejn qabdet u biddlet id-direzzjoni f`daqqa jien aqqas kelli cans nafghas brake filfatt haddtha in-naha tax-xufier lilha.

Avu: Issa l-impatt ezatti fejn kien, kien wiehed frontali wiehed mal-genb minn wara kif kien?

Xhud: Kien ezatt fuq … tal-mutur.

Qorti: Qed tghid li ilqatt jew laqtitek it`s not really that relevant ma kienetx wieqfa fil-mument?

Xhud: Le ma kienetx wieqfa.

Avu: Wara l-impatt x`gara minn hemmekk?

Xhud: L-impatt wara li hadt id-daqqa fuq in-naha tal-genb tal-mutur li tigi saqajja il-leminija zammejt daqxejn stabbilita is-sekondi tal-mutur imma umbaghad bl-ugieh li kelli umbaghad waqajt mal-art.

Qorti: Smajt ix-xhud ta` qabel qal verzjoni differenti tal-incident, igifieri ma taqbilx mal-verzjoni li x-xhud ta` Emanuel Mifsud?

Xhud: Le ma naqbilx.

Avu: L-impatt inti fuq l-mutur tieghek fejn kien?

Xhud: L-impatt kien qieghed fuq il-footrest fuq in-naha tal-lemin li tigi saqajja tieghi tal-lemin.

Qorti: Qassmet it-triq ghall-quddiemu allura b`hekk hu habat fiha,

Xhud: Ezattament mhux jien dhalt go fiha ghax jekk tara ritratti sew fuq in-naha tax-xufier dahal go fiha.

Avu: Il-hsara fuq il-vettura li kienet gejja opposta tieghek fejn kienu taf?

Xhud: Mela fuq il-bumper tan-naha tax-xufier u l-mudguard u naha tal-fanal.

Avu: Minn naha tal-genb?

Xhud: Minn naha tal-genb tax-xufier.

Avu: Kawza ta dan l-incident inti x`soffrejt?

Xhud: Heq jien soffrejt ksur f`saqajja leminija.

Avu: U ghadek tara xi tobba illum prezenti?

Xhud: Ghadni nara tobba sall-llum stess,

Avu: Issa inti ix-xhud ta` qabblek semmgha li kien hemm xi vann ipparkjat fuq xi Stop Sign?

Xhud: Jien ma rajtx vannijiet.

Qorti: Le mhux hekk qal ix-xhud ta` qabblu qal li kien hemm vann ipparkjat b`tali mod li ikkawza ostakolu lis-sinjur li kellu,

Avu: Ezatt fid-dritta tieghek inti kien hemm xi vettura ipparkjata li ostakolatlek lilek id-dritta tieghek?

Xhud: Le ma kienx hemm izjed il-quddiem umbaghad kien hemm il-karozza ipparkjata li kelli incident maghha.

Qorti: Anzi hu stqarr li peress li it-triq ikkonfigurata hu ma setghax hlief imur jaqbzu il-vann ghax inkella ma setghax jaghddi fit-triq.

Avu: Xejn iktar sinjura.

Qorti: Kontro Ezami?

Avu2: Tghidilna daqxejn l-ispeed likont ghaddej bih?

Xhud: Ma kontx ghaddej iktar minn 35km.

Avu2: Jista jkun ma kellekx cans tisslowja?

Xhud: Ma kelliex cans nisslowja ghax il-karozza ma tatniex cans nisslowja ghax daritli f`daqqa minghajr sinjal ta indicator.

Qorti: Kemm kont il-boghod mil-punt tal-impatt meta inti rajt it-trakk fl-Stop Sign?

Xhud: Dejjem kienu qisu 6 metru jew 7 metri.

Avu2: X`hin rajt it-trakk fuq Stop Sign?

Xhud: Iva u jien filfatt x`hin rajt it-trakk fuq Stop Sign jiena bqajt miexi normali ghax it-trakk cedieli ma stennejtx il-karozza ha tibdel direzzjoni.

Avu2: U naqblu illi l-karozza li lqatt li dhalt go fiha minn naha ta quddiem mil-genb tan-naha ta quddiem in-naha tax-xufier?

Xhud: Il-karozza x`hin kont ghaddej ezatt ma Almar street il-karozza haditni hi minn naha tax-xufier mhux ilqatta.

Avu2: Igifieri il-mutur tieghek u l-vettura intlaqtu issa min u mhux min dik storja ohra pero intlaqtu mill-genb tal-karozza?

Xhud: Ezatt jien fuq in-naha tal-lemin u hi fuq in-naha tal-lemin.

Avu2: Ezatt in-naha tax-xufiera.

Xhud: In-naha tax-xufier u hi naha tal-lemin ta` saqajja li jigu l-istess post.

Avu2: Jigifieri naqblu ukoll il-vettura kienet ghadha ma kissritx lejn it-triq fejn kien hemm it-trakk?

Xhud: Ezatt il-vettura ma kissritx kissret ezatt x`hin kont ghaddej jien.

Avu2: Kienet ghadha ma kissritx imma?

Xhud: X`hin kont gej jien ma kissritx x`hin ghaddejt jien ezatt minn bejn il-vettura u t-trakk qabdet u biddlet id-direzzjoni.

Avu2: Xejn aktar.

**Ramona Borg** xehdet hekk fl-20 ta’ Marzu 2023

Xhud: Iva nahlef, Jiena kont wieqfa qed nistenna biex naqsam,

Qorti: Meta sinjura?

Xhud: 17th July 2021 jiena kont wieqfa qed nistenna biex naqsam ghall got-triq imma kien hiereg trakk mil-istess triq allura kien gahdu l`fuq sewwa tat-triq allura ridt nieqaf biex nistennieh johrog ma konniex naghddu tnejn li ahna.

Qorti: Inti fejn trid tmur, trid tidhol got-triq Armal?

Xhud: Ehe dik it-triq.

Qorti: It-triq laterali go side road inti qed tghidli li waqaft biex tidhol go triq laterali?

Xhud: Iva ghax kien hiereg trakk minn go dik it-triq din l-istess triq.

Qorti: Ma stajtx tidhol bih hiereg?

Xhud: Le le zgur li le le naf li kien ilni wieqfa gahx anka karozzi kienu ghaddejin minn quddiemi u t-trakk kien ghadu il-fuq tat-triq igifieri qed nistenna sew biex hu johrog,kont fuq il-lane tieghi,

Qorti: Igifieri inti kont wieqfa u x`gara?

Xhud: Gara li l-mutur dahal fuqi,

Qorti: Min fejn kien gej il-mutur? Minn faccata tieghek?

Xhud: Ehe.

Qorti: U int meta waqaft fuq liema naha tat-triq kont fuq it-triq tan-naha tieghek?

Xhud: Mas-side tieghek u fuq is-side l-ohra kienu ghaddejin il-karozzi ukoll ghaddew karozzi ukoll lines mizbughin ma l-art m`hemmx imma xorta kont fuq il-lane tieghi ghax il-lane l-ohra kienu ghaddejin il-karozzi.

Qorti: Kontro Ezami?

Avu: Ara sinjura Borg ara nknux qed nghidu sew illi inti meta ridt iddur ghall-triq Armal kont diga qeghda fuq il-lane in-naha l-ohra x`hin bdejt tikser?

Xhud: Le majistax ikun kienu ghaddejin il-karozzi.

Avu: L-impatt inti mal-mutur fejn kien? Kif hadek il-mutur lilek jekk kien gejr dirett gol-lane tieghek?

Xhud: Gie qisha fil-fanal tigi uu.

Avu: Igifieri inti qed tghid illi l-mutur kien qieghed go sajdek igifieri wrong side?

Xhud: Gie aghll ehe gie ghall-fuqi jiena wieqfa kont il-hin kollu kont ili wieqfa.

Avu: Xejn iktar.

**Ikkunsidrat**

Illi hemm kunflitt serju ta' provi dwar kif sehh l-incident u fic-cirkostanzi mhemmx il-livell ta' provi rikjesti fil-kamp kriminali.

**Decide**

Ghaldaqstanti ghal dawn il-mottivi din il-Qorti tillibera l-imputat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih.

**Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace LL.D.**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat registratur**